

kitba ta' Pawlu Aquilina

# Fanali

*(Dan l-esej ktibtu fil-bidu tas-snin sittinijiet, tas-seklu l-ieħor. Deher għall-ewwel darba stampat fil-ġurnal "IL-ĦADDIEM" tal-1 ta' Settembru 1964. Flok ismi ġibt in-nom de plume "PAX", billi dak iż-żmien, bħala impjegat tal-Gvern, kont trid titlob permess biex tippubblika kitbiet, anki letterarji, bl-isem tiegħek f'gazzetti. Illum qed nerġa' nxandru b'xi tibdil żgħir, bl-isem tiegħi tassew.)*

Kos, iż-żmien kemm ibiddel, hux! Dak li twieled ilbieraħ, illum miet u ntesa wkoll. Forsi jibqgħu xi ftit it-tifkiriet, imma dawn ukoll jonqsu u jaslu biex jintfew għal kollox mal-mixja taż-żmien.

Għadni niftakar f'dak ir-raġel li ta' kull filgħaxija, malli kien jisma' t-tokki ħelwin tal-"Ave Marija", kien joħroġ idur mar-Raħal, b'xi sellum ċkejken fuq spalltu u b'kaxxa sulfarini f'idu. Hekk kif kien jasal fejn xi fanal tal-pitrolju, imwaħħal fil-għoli mal-ħajt jew ma' xi kantuniera, kien jieqaf, iniżżel is-sellum minn fuqu, iserrħu mal-ħajt u jitla' jixgħel il-fanal. Dari, it-toroq tal-ibliet u l-irħula ta' Malta u Għawdex kienu jkunu mdawla bil-fanali kbar tal-pitrolju, imma llum għadda dak iż-żmien.[1]

## Tat-toroq

Il-fanali tat-toroq għoddhom intemmu għal kollox. Flokhom daħlet il-bozza mdawla bl-elettriku, li daż-żmien narawha fit-toroq kollha tal-ibliet u tal-irħula. Imma darbafil wieħed għadu jiltaqa' ma' xi wieħed minn dawn il-fanali. F'xi bajjiet jew xtut imbiegħda ta' Malta, ngħidu aħna bħal Għar Lapsi u Wied iż-Żurrieq, wieħed għadu jilmaħ xi fanali ta' din ir-razza, wisq għażiża għal missirijietna, u li llum waslet biex tinqered għal kollox. F'Għawdex wieħed għadu jiltaqa' aktar sikwit ma' dawn il-fanali.

## Tal-Vjatku

Imma jekk fit-toroq tagħna ma ħallejna l-ebda fanal mal-ħajt x'naraw, hemm fanali oħra li kull tant jgħaddu mit-toroq tal-ibliet u l-aktar tal-irħula tagħna. Dawn huma fanali tawwalin, iżgħar u isbaħ, għalkemm tal-istess għamla bħal dawk tat-toroq. Għandhom ukoll ħolqa li minnha l-id tista' żżommhom u jġibu l-isem sabiħ ta' "Fanali tal-Vjatku". Flok bil-pitrolju, jinxtegħlu bix-xama'. Id-dawl li joħroġ minnhom f'xi lejla xitwija, jilmaħ sabiħ ħafna, kif seħħlu jfissru l-poeta Nazzjonali tagħna Dun Karm Psaila fil-poeżija immortali tiegħu "Il-Vjatku".[2]

## Tan-niċeċ

Jixbhu lill-fanali tal-Vjatku, hemm fanali oħra. Quddiem xi niċċa ta' xi qaddis għadek tara xi fanal sabiħ, jixbah lil dak tal-vjatku, imma mingħajr ħolqa, imwaħħal fuq ħadida maħruġa 'l barra mill-ħajt. Mal-faċċata ta' xi djar fl-irħula jew mal-ħajt ta' xi rziezet fil-

kampanja għadek tilmaħ bil-lejl xi dawl ċkejjken ipetpet u jnemnem ġewwa fanal ċkejken quddiem xi xbieha tal-Madonna jew ta' San Ġużepp jew ta' xi qaddis ieħor, għażiż għal sid dik id-dar jew dak ir-razzett. Din id-drawwa hija sabiħa tassew u tnissel qima fil-qalb ta' kull min jgħaddi minn quddiem xi niċċa mdawla. Il-fanal mixgħul ta' kull filgħaxija huwa l-isbaħ u l-aħjar tfakkira għal kull min jgħaddi minn quddiemu, biex isellem bil-qalb u jtenni xi talba ċkejkna.

## Tal-oqbra

Fanali oħra li jfakkruna mhux biss fit-talb imma wkoll fl-għeżież tagħna li ħallewna biex jistrieħu fil-paċi, huma dawk li jinxtegħlu fuq l-oqbra fejn hemm il-fdal għażiż ta' qrabatna, fiċ-ċimiterji. L-ilsien tal-fjamma ta' dawn il-fanali jfisser l-imħabba kbira li għadha tgħaqqadna mal-għeżież tagħna li tlifna kif ukoll it-tbatija tal-firda li kull darba tiġġedded fina.

## Tal-karettuni

Il-fanali tal-oqbra jfakkruni f'fanali oħrajn, li jgħaddu minn quddiem il-bieb tal-ħadid sewdieni taċ-ċimiterji, imxerrdin fil-beraħ qalb l-għelieqi; fanali li fihom il-ħajja u, tassew, huma mill-oqsma tal-ħajja u tal-għajxien ikunu ġejjin. Kif iroxx id-dlam, arahom il-bdiewa bieżla imma għajjiena wara jum sħiħ ta' ħidma herġin mill-irziezet u mill-oqsma mbiegħda tagħhom, rekbin fuq il-karettun mgħobbi bil-għalf u bil-ġid, miġbud mill-bhima għajjiena; bosta minnhom għandhom fanal jixgħel! Kienu obbligati bil-liġi li jinxtegħlu mal-lasta tal-karettun miexi, meta jibda jidlam. Il-karozzini wkoll, bħal kull vettura oħra li tgħaddi mit-triq, kellhom il-fanali tagħhom.

## Tal-qara' bagħli

Niftakar ukoll f'fanali oħrajn: il-fanali tal-qara' bagħli. Kemm konna nagħmlu għors bihom fit-raħal! Konna niksbu mingħand xi bidwi, xi qargħa bagħlija kbira, l-aktar minn dawk li tkun tħalliet tikber għaż-żerriegħa, u kif tkun miftuħa biss minn fuq u mqaxqa miż-żerriegħa, konna ntaqqbuha b'musmar oħxon, b'ħafna toqob għamla ta' salib jew ta' xi għamla oħra. Fil-qiegħ tagħha konna nwaħħlu biċċa xamgħa u fit-truf ta' bejn il-fetħa konna nagħmlu għalaq ta' xi qafla, twil biżżejjed biex ix-xamgħa ma taħraqlekx idek waqt li tkun tixgħel... u l-fanal ikun lest. F'kemm ili ngħidlek, konna ntiru għal barra bil-fanal tal-qara' bagħli jixgħel. Konna nkunu ħafna tfal bil-fanali f'idejna, niġru fit-toroq u fil-misraħ tar-Raħal! Biċċa mill-ferħ jew ġenna tat-tfulija![3]

## Tar-roti

Ir-roti wkoll kienu għall-ewwel jużaw il-fanali tal-aċitelena. Dawn il-fanali llum spiċċaw għal kollox. Flokhom daħlu l-fanali moderni tal-bozza, bil-batterija jew bid-dajnamow.

## Tax-Xtut

Fanali kbar u qawwija ferm, kif ukoll ta' użu kbir għall-baħħara, huma l-fanali tax-xtut, bħall-Fanal ta' Delimara. Dawn il-fanali ssibhom fuq xi blata, fil-għoli fir-ras ta' torri tond, 'il barra mal-baħar, fix-xtut kollha tal-artijiet tad-dinja. Id-dawl qawwi tagħhom huwa sinjal ħaj għal kull vapur, żgħir jew kbir, biex iwissih joqgħod bogħod minn xifer l-art li jkun għaddej qribha. Barra minn dan iservi wkoll biex minnhom

jintbagħtu twissijiet u tagħrif siewi, imfissrin bit-tpetpit tad-dawl (bis-sistema *Morse)* li jifhmuh il-vapuri kollha.

Il-ġrajja tal-fanali hija minsuġa sabiħ ma' tifkriet l-imgħoddi. Illum tlifniehom il-fanali tat-toroq, tal-karettuni, tal-qara' bagħli, tar-roti u tax-xtut. Baqgħalna biss xi ftit tal-Vjatku Mqaddes, tan-niċeċ u għadd akbar tal-oqbra. Dawk li tlifna, tlifniehom l-aktar minħabba l-invenzjonijiet tal-progress li ġabilna wkoll l-elettriku. Qabel ma wasal l-elettriku fostna, dawn kienu l-egħżeż ħbieb tagħna u qdewna mill-aħjar li setgħu. Magħhom tlifna wkoll it-tifkiret sbieħ tagħhom.

Għalxejn nisbaħ kmieni filgħodu biex nilmaħ it-teffej tal-fanali tat-toroq, bil-qasba twila fuq spalltu, idur il-fanali tar-Raħal... Għalxejn nixtieq narah jieqaf taħt kull fanal ipetpet, idaħħal il-qasba minn toqba f'qiegħ il-fanal, iressaq it-tarf tagħha lejn il-fjamma ħanina, iqabbad xufftejh mat-tarf l-ieħor, jonfħilha u jitfiha...

Kollu għalxejn li nixtieq nara din ix-xena ħelwa! Nista' biss noħlomha. It-tifkira ħajja għebet u mietet bikri mal-hena tat-tfulija!

[1] Aktar tagħrif dettaljat jinsab f'paġni 5-7 tal-ktieb tiegħi: "Hawn Twieldet u *tibqa' tħabbat* Qalbi", ippubblikat mill-Kunsill Lokali Siġġiewi, fl-2004.

[2] Aktar tagħrif dettaljat jinsab f'paġni 161-167 tal-ktieb tiegħi: "Hawn Twieldet u *tibqa' tħabbat* Qalbi", ippubblikat mill-Kunsill Lokali Siġġiewi, fl-2004.

[3] Aktar tagħrif dettaljat jinsab fil-kitba tiegħi "Kwadri mill-Ħajja tal-Imgħoddi" li dehret f'paġni 93-100 tal-magazin tal-festa 2005 ippubblikat mill-Każin tal-Banda San Nikola.



